MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 1025/1993/1

**Avukat Richard Galea Debono bhala mandatarju awtorizzat mill-Board tad-Diretturi tas-socjeta` Thos C Smith Insurance Services Ltd u din bhala agenti gewwa Malta tas-socjeta` estera UAP - l-Union des Assurances de Paris**

**Vs**

**Paul Abela**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi huwa kien jassikura permezz ta' polza tat-tip "Comprehensive" li s-socjeta` G V Xuereb Ltd proprjetarja tal-karozza BMW bin-numru U-1165, liema karozza kienet

involuta f'incident stradali nhar it-22 ta' Jannar 1992 ghal xi s-7:00 p.m. fit-Triq tas-Sienja, limiti ta' Haz-Zebbug;

Premess illi l-incident gara minhabba tort tal-konvenut meta dan filwaqt li kien qieghed isuq il-karozza Escort S-4690 fuq in-naha l-ohra tat-triq, bi *speed* esagerat, tilef il-kontroll tal-karozza, qasam is-*central strip* u dahal gol-karozza assikurata mill-attur (Dok. "A"), u kkawzalha danni ammontanti ghal tlett elef hames mija u tletin liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm3536.25) kif jirrizulta mid-dokumenti "C", "D" u "E", liema somma tinkludi spejjez ta' l-i*sketch* u *survey report*;

Premess illi l-attur hallas ghall-ispejjez ta' dan l-incident skond kif jidher mid-Dokument "B", u ghalhekk gie surrogat fid-drittijiet ta' l-assigurat tieghu G V Xuereb Limited;

Premess illi l-konvenut debitament interpellat biex jersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni baqa' inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenut hu responsabbli ghall-habta in kwistjoni;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur *nomine* fis-somma ta' tlett elef hames mija sitta u tletin liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm3536.25) jew somma verjuri;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-istess somma lill-attur bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra tieghu;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur billi l-kollizjoni tat-22 ta' Jannar 1993 grat unikament minghajr htija jew nuqqas ta' l-eccipjent;

2. Illi skond ma gie riferit lill-eccipjent mis-*surveyor* tal-kumpanija assikuratrici tieghu, id-danni pretizi mill-attur huma esagerati;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tad-19 ta' Mejju 1995 li permezz tieghu giet nominata Dr. Doreen Clarke bhala perit legali biex tfittex u tirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-elazzjoni ta' l-istess perit legali li tinsab a fol. 63 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-udjenza tad-19 ta' Novembru 1996;

Rat in-noti pprezentati mill-avukati difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

L-indagini f'din il-kawza mhux biex jigi stabbilit jekk xi hadd mis-sewwieqa involuti fl-incidenti kienux responsabbli izda biss biex jigi determinat jekk il-konvenut kienx *in kolpa* ghall-incident. Dan hu hekk ovvju kemm mis-sistema ta' difiza adoperata mill-konvenut fl-ewwel eccezzjoni tieghu kif ukoll mill-posizzjoni assunta minnu tal-fatti ta' kif zvolga l-kaz;

Fil-verita` l-konvenut jakkampa t-tezi tieghu li hu ma kienx responsabbli ghas-sinistru fuq dawk li huwa jiddeskrivi bhala "cirkostanzi mprevedibbli". In partkolari huwa jattribwixxi l-incident ghal fatt li hariglu inaspettatament kelb minn fuq is-*central strip*. Bhal perit legali qabilha, il-Qorti trid allura tezamina l-komportament tal-konvenut fiz-zmien antecedenti ghall-incident;

Ghal dawk li huma provi jirrizulta s-segwenti:-

(i) L-incident sehh fit-22 ta' Jannar 1992 ghal habta tas-7:00 p.m. fit-triq "Ta' Srina" (u mhux "tas-Sienja", kif zbaljatament indikat fic-citazzjoni), limiti ta' Haz-Zebbug;

(ii) Din it-triq hi wahda wiesgha b'zewg kareggjati fuq kull naha taghha, diviza minn *central strip*. Naha minnhom tikkonduci ghar-Rabat, utilzzata mill-attur, filwaqt li n-naha l-ohra taghti ghal Haz-Zebbug. F'dik il-parti tat-triq kien qed isuq il-konvenut. Ara *sketch* a fol. 9 tal-process;

(iii) F'mument minnhom il-karozza tal-konvenut qabzet is-*central strip* u spicca fuq il-*windscreen* ta' l-attur;

(iv) Il-konvenut (fol. 77) jghid li qabel ma ssuccediet din l-okkorrenza u qisu tul ta' erba' karozzi huwa ra kelb jaqsam it-triq u jidhol fis-*central strip*. Huwa jghid li l-moviment tal-kelb jitraversa t-triq ma fixklux. F'hin minnhom waqt li wasal fil-vicinanzi fejn kien dahal il-kelb hu hass il-karozza tintrefa, tilef il-kontroll u qabez is-*central strip*. L-okkorrenza ta' PS Carlu Zammit (fol. 37) tikkonferma li fil-post ta' l-incident instab kelb mejjet;

(v) Bhal konvenut, John Darmanin (fol. 76) li kien passiggier fil-car ta' l-istess konvenut, jghid li l-i*speed* dak il-hin kien ta' cirka 25 mil fis-siegha;

(vi) It-triq f'dik il-lokalita` hi wahda dritta u ghal din ir-raguni kif konfermat mill-konvenut (fol. 79) "ghandha vizwali tajba";

Fir-relazzjoni taghha (fol. 64) il-perit legali taskrivi l-akkadut ghall-i*speed* eccessiv tal-konvenut, abbinat mal-fatt tat-traskuragni u nuqqas ta' hsieb tieghu. Fuq kollox il-perit legali ma accettatx il-versjoni tal-konvenut u tax-xhud tieghu illi verament l-i*speed* tieghu kien kif deskritt minnhom;

Din il-Qorti tikkondividi pjenament ir-rizultanzi tal-perit legali nominat minnha u l-argument avvanzat tac-cirkostanzi mprevedibbli ma jregix u ma jipperswadix;

Ma jidherx li r-rejazzjoni ta' sewwieq attent u prudenti kellha tkun f'dik ic-cirkostanza, anke jekk konfrontata bl-"imprevidibbli" ta' "karozza ttir fl-ajru bir-rotti jduru" (deposizzjoni ta' George Xuereb, fol. 35) li ssegwi t-trajettorja li hadet u spiccat kif spiccat;

Mid-dinamika ta' l-incident il-verita` ma tistax hlief tkun dik li tabilhaqq il-konvenut kien ghaddej b'velocita` qawwija, accertat anke mis-*silencer* "ifaqqa'", mismugh minn George Xuereb immedjatament qabel l-akkadut. Kien dan il-fattur, u mhux it-traversament tal-kelb jew il-hrug inaspettat tieghu ghal fuq it-triq, li, biex wiehed juza kliem ix-xhud John Darmanin (fol. 76), wasal biex "il-konvenut tilef il-kontroll tal-karozza tieghu u l-i*steering wheel* ingibed lejn il-lemin.";

Huwa sintomatiku jekk mhux ukoll minn ewl id-dinja illi sewwieq prudenti li kien ghaddej isuq bi *speed* moderat u b’attenzjoni, ma jsibx ruhu fis-sitwazzjoni li sab ruhu fiha l-konvenut; *multo magis*, imbaghad meta ma jirrizultax li kien hemm traffiku iehor li seta' jfixklu;

Anke kieku din il-Qorti tasal biex tikkoncedi illi l-kawza immedjata u prossima ta' l-incident kien il-hrug inaspettat tal-kelb, xorta wahda ma jistax ikun hemm dubju li l-konvenut ikkontribwixxa mhux ftit ghall-event dannuz. Ghax jew verament kien is-sewqan veloci u eccessiv tieghu jew allura gie sorpriz f'mument ta' aljenazzjoni;

Fil-fehma tal-Qorti l-konvenut, jappilja kemm jappilja mac-cirkostanza mprevedibbli, ma ghandux jigi suffragat mill-

iskuzanti legali dettata mill-Artikolu 1029 tal-Kodici Civili li tiskuza lil min jikkaguna hsara li tigri b'accident jew b'forza maggura;

Dan ghaliex, kif akkolt minn gurisprudenza, "il-kaz fortuwitu, il-forza magguri u l-istat ta' necessita` ma jehilsux mir-responsabilita` tad-danni jekk ikunu preceduti minn htija ta' min ikkaguna d-danni." ("**Caterina Bezzina -vs- Giorgio Grech et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 7 ta' Gunju 1938; "**Elmo Insurance Services Ltd -vs- P.C. 537 Joseph Micallef et**", Appell, 5 ta' Ottubru 2001);

Kif gja rimarkat *supra* ghall-Qorti jezistu ndizji cari hafna illi kienet l-velocita` eccessiva tal-konvenut il-fattur kontributur li gaghlitu jitlef il-kontroll tal-vettura tieghu. Ir-responsabilita` hi determinata, anke f'dan il-kaz, minn dan il-fattur provokanti l-incident. B'konvinzjoni ghalhekk il-Qorti tasal ghal konkluzjoni illi l-kawza immedjata tas-sinistru ma kienx il-kelb izda s-sewqan traskurat, jekk mhux addirittura perikoluz, li bih il-konvenut kien qed isuq il-vettura tieghu;

Kif kellha okkazjoni tosserva u tammonixxi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kaz "**Il-Pulizija -vs- Gaetano Fabri**", 15 ta' Settembru 1962, riportata a Vol. XLVI P IV p 883, "Ghax it-triq tkun wiesgha u fid-dritt, u fil-mument ma jkunx hemm traffiku iehor, dan ma jfissirx li l-awtista jista' jittrasformaha f'pista tat-tigrijiet; ghaliex l-i*speed* eccessiv jinnewtralizza dak il-"*margin of safety*" tant necessarju ghal kull emergenza li tista' tinqala'.";

Dwar id-danni reklamati nonostante li l-konvenut eccepixxa wkoll li dawn kienu esagerati madankollu, imbaghad, ma gab l-ebda prova kuntrarja jew ghallanqas irribatta l-prova li saret mis-socjeta` attrici assiguratrici li permezz tax-xhieda taghha, Francis Aveta (fol. 39) *surveyor*, u Antonella Aquilina (fol. 40), ikkonfermaw l-entita` tal-hsarat u tad-danni mitluba.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi wara li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, takkolji l-ewwel domanda attrici u tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-22 ta' Jannar 1992 fit-Triq "Ta' Srina" limiti Haz-Zebbug;

Tilqa' t-tieni domanda u tillikwida d-danni limitatament fis-somma ta' tliet elef hames mija u hdax-il lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm3511.25,0);

Tilqa' finalment it-tielet domanda u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici l-ammont fuq likwidat in linea ta' danni, bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (25 ta' Settembru 1993);

L-ispejjez kollha tal-kawza jibghu a karigu tal-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------